**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joe Chetcuti *et*

*versus*

Joseph Pearson *et noe*

**Appalt - Ħlas - Bilanċ ta'**

*Kawża għal ħlas ta' bilanċ għal xogħlijiet ta' appalt. Fuq evalwazzjoni ta' provi l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata li laqgħet it-talba attriċi.*

Il-Qorti:-

Il-konvenuti *nomine* qed jappellaw minn din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Marzu, 1996 li kkundannathom iħallsu bilanċ li kien għadu minnhom dovut lill-atturi appellati għal xogħol ta' bini esegwit fuq ordni tagħhom:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni fejn l-atturi ppremettew illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi ta' l-atturi fis-somma ta' tlett elef, ħames mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija (Lm3,527.00) rappreżentanti bilanċ li għadu dovut minn somma akbar għal xogħol ta' bini li l-istess atturi kienu ħadu in sub-appalt mingħand il-konvenuti *nomine* u illi nonostante li l-konvenuti *nomine* ġew interpellata biex iħallsu l-istess ammont permezz ta' ittra uffiċjali ddatata 20 ta' Jannar, 1992, huma baqgħu inadempjenti u għalhekk l-atturi talbu li s-soċjetà konvenuta tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tikkundannahom iħallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef, ħames mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija (Lm3527.00) rappreżentanti bilanċ li għadu dovut minnhom minn somma

akbar għal xogħlijiet ta' bini li kienu ħadu mingħandhom in sub-appalt;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ddatata 20 ta' Jannar, 1992 u bl-interessi skond il-liġi sad-data ta' l-eventwali pagament effettiv kontra s-soċjetà konvenuta li ġiet nġunta biex tidher għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijet tal-konvenuti Joseph u Jeremy Pearson *nomine* fejn ġie eċċepit illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjetà konvenuta m'għad fadlilha l-ebda pendenza ma' l-atturi ta' kwalsiasi indoli jew natura;

*Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Joseph u Jeremy* Pearson *nomine* debitament ikkonfermata bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti *nomine*;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar, 1996;

Ikkunsidrat:

L-atturi qed jitolbu li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata

tħallashom is-somma ta' tlett elef, ħames mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija (Lm3,527.00) rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar dovuta għal xogħol ta' bini li l-istess atturi għamlu fuq inkariku u fl-interess ta' l-istess soċjetà konvenuta in sub-appalt;

In effett jirriżulta illi l-atturi għamlu xogħol ta' bini fi tliet postijiet differenti fuq l-inkariku tas-soċjetà konvenuta. Dawn kienu positijet fil-Mosta, f'Ħaż Żebbuġ u f'Birkirkara;

Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kellha l-appalt għar-rigward ta' dawn it-tliet xogħlijiet u da parti tagħha tat b'sub-appalt ċerti xogħlijiet lill-atturi. Huwa evidenti illi dak li jirregola r-relazzjoni bejn il-kontendenti huwa l-ftehim li sar bejniethom u mhux il-ftehim li sar mis-soċjetà konvenuta mal-varji sidien tal-postijiet fejn sar ix-xogħol;

L-atturi jsostnu li huma ftehmu verbalment mas-soċjetà konvenuta dwar il-varji rati ta' ħlas għar-rigward tad-diversi tipi ta' xogħol li kellhom isiru. Huma jsostnu ukoll illi skond il-ftehim verbali s-soċjetà konvenuta kellha tagħmel il-kejl u toħroġ il-kontijiet relattivi, però dan is-soċjetà konvenuta qatt ma għamlitu. Huma kkonfermaw illi kien hemm ftehim verbali ukoll dwar ir-rati li kellhom jitħallsu għar-rigward ta' kull biċċa xogħol u ċjoè għar-rigward tal-konkos, għar-rigward tat-turġien, għar-rigward tat-travi u pilastri. Huma qalu li l-ftehim, anke dwar ir-rati tal-ħlas, sar mal-konvenut Joseph Pearson verbalment;

L-atturi kkonfermaw li għar-rigward tax-xogħol li sar minnhom il-Mosta, għandhom jieħdu s-somma ta' elf, tliet mija u sebgħin lira Maltija (Lm1,370.00,0); għar-rigward tax-xogħol li sar minnhom f'Ħaż Żebbuġ għandhom jieħdu s-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1,500.00,0), waqt li għax-xogħol

*ta' Birkirkara, l-ammont totali tela'* għas-somma ta' erbat elef, mija u sebgħa u ħamsin lira Maltija (Lm4,157.00,0) li minnhom tħallsu s-somma ta' Lm3,500 u għalhekk ' bilanċ ta' Lm657. L-atturi kkonfermaw li s-soċjetà konvenuta ma ħallset xejn għar-rigward tax-xogħlijiet li saru l-Mosta u Ħaż Żebbuġ u fadal l-imsemmi bilanċ għar-rigward tax-xogħol ta' Birkirkara. Għalhekk l-atturi qed jippretendu li għad għandhom jieħdu mingħand is-soċjetà *konvenuta* s-somma *komplessiva ta' tlett* elef, ħames mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija (Lm3527.00,0);

Da parti tagħhom il-konvenuti *nomine* jsostnu illi huma ħallsu lill-atturi għax-xogħol minnhom magħmul fil-positijet tal-Mosta u ta' Ħaż Żebbuġ u inoltre jsostnu li l-ħlas ta' *Lm3,500 għar-rigward tax-xogħol ta'* Birkirkara kien pagament għas-saldu u għalhekk ma għandhom jagħtu xejn lill-atturi;

Il-konvenuti fl-*affidavits* tagħhom jiftaħru li ilhom żmien twil f'dan ix-xogħol u għalhekk għandhom esperjenza mhux żgħira f'dan ix-xogħol. Huwa għalhekk stramb li huma ma nsistewx li l-ftehim ma' l-atturi jsir bil-miktub, meta ukoll jirriżulta illi ma sub-kuntratturi oħra r-rati tax-xogħol huma miftehmin bil-miktub. Il-konvenut Joseph Pearson in effett jammetti li huwa ftiehem ma' l-atturi fuq rata għar-rgiward tal-konkos u jżid jgħid li fil-prezz miftiehem kien hemm ukoll inkluż l-armar. L-istess konvenut jikkonferma dak li qal l-attur Joseph Chetcuti li r-rati għar-rigward tax-xogħol ta' Ħaż *Żebbuġ kellhom ikunu* l-istess bħal dawk tal-Mosta. Dan kollu in effett jindika li kien hemm xi tip ta' ftehim dwar ir-rati tax-xogħol bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward għalhekk huwa aktar verosimili dak li sostnew l-atturi u ċjoè li sar ftehim mal-konvenuti *nomine* dwar diversi rati ta' ħlas għax-xogħol li kellu jsir mill-istess atturi;

Il-konvenut Joseph Pearson sostna li għax-xogħol tal-

Mosta huwa ħallas lill-attur Joseph Chetcuti somma ta' aktar minn tmien mitt lira Maltija (Lm800) u dan fil-garaxx ta' l-imsemmi post ta' Ħaż Żebbuġ fejn l-atturi ukoll kienu qed jagħmlu xi xogħol fuq inkariku tal-konvenuti *nomine*. Huwa qal li kien hemm preżenti meta sar dan il-pagament ċertu Pawlu mlaqqam "is-Suffarin". Il-konvenuti *nomine* però naqsu li jipproduċu lil dan Pawlu biex jikkonferma dak li qal f'dan ir-rigward il-konvenut Joseph Pearson. Dwar dan l-allegat ħlas l-istess konvenut Joseph Pearson jgħid li huwa la talab u lanqas ottjena mingħand l-atturi riċevuta;

L-istess konvenut Joseph Pearson isostni li għax-xogħol l-ieħor ta' Ħaż Żebbuġ huwa ħallas lill-attur Joseph Chetcuti s-somma ta' elf, sebgħa mija u żewġ liri Maltin (Lm1,702.00,0) ċirka ukoll fi flus kontanti u l-ħlas sar id-dar tiegħu fil-presenza tal-mara tiegħu u ta' ċertu Anton Caruana li jiġi xi ħaġa mill-imsemmi attur Joseph Chetcuti. L-imsemmi Anton Caruana meta xehed f'dawn il-proċeduri kkonferma li kien hemm okkażjoni meta mar ma' l-attur Joseph Chetcuti d-dar tal-konvenut Joseph Pearson però ma jiftakarx li f'dik l-okkażjoni sar pagament lil Chetcuti. Mart il-konvenut Joseph Pearson però ma tiftakarx li f'dik l-okkażjoni sar pagament lil dana, in vista tal-mod kif xehdet u in vista tal-fatt li hija tgħid li diversi drabi l-konvenut jew xi ħadd għalih mar jiġbor flus u ċekkijiet mingħandha li kien iħallilha żewġha, meta dan qatt ma ġie allegat lanqas mill-istess żewġha. Anke f'dan il-każ il-konvenut Joseph Perason la talab u lanqas ottjena riċevuta mingħand l-atturi;

Fid-dawl ta' dan kollu ma jistax jingħad li jirriżulta suffiċjentement ippruvat illi l-konvenuti *nomine* ħallsu għax-xogħol li sar mill-atturi fil-Mosta u f'Ħaż Żebbuġ. Nonostante li l-konvenut Joseph Pearson sostna li kien hemm terzi persuni preżenti meta saru dawn il-ħlasijiet, dawn it-terzi jew ma ġewx prodotti, jew ma kkonfermawx li sar il-ħlas, jew mhux

affidabbli. Barra minn hekk mhux verosimili li l-konvenuti *nomine* li skond huma għandhom tant esperjenza f'dan ix-xogħol jagħmlu pagamenti ta' somom mhux żgħar fi flus kontanti u ma jitolbux u ma jottjenux riċevuta. Riċevuta hi ta' mportanza bażilari għall-finijiet tal-kotba tan-negozju ta' soċjetà limitata kif inhi s-soċjetà konvenuta. Barra minn hekk riċevuta hija l-aqwa prova ta' pagament. Jiġi rrilevat ukoll li din kienet l-ewwel darba li s-soċjetà konvenuta kienet qed taħdem ma' l-atturi u għalhekk ma kienx għad hemm rapport ta' reċiproka fiduċja li jista' jwassal f'ċerti każijiet biss li jsir pagament mingħajr ma tiġi rilaxxjata riċevuta;

Il-konvenut Joseph Pearson għalhekk mhux kredibbli meta jgħid li l-atturi tħallsu għar-rigward tax-xogħol li għamlu fil-postijiet tal-Mosta u Ħaż Żebbuġ. L-istess konvenut lanqas mhux kredibbli meta jgħid li ġie mhedded minn fuq it-telefon minn wieħed mill-atturi;

In vista tal-premess għalhekk ma jirriżultax li l-atturi tħallsu għax-xogħol li għamlu fil-postijiet tal-Mosta u ta' Ħaż Żebbuġ u lanqas ma jista' jitqies li l-pagament li sar għar-rigward tax-xogħol ta' Birkirkara kien għas-saldu. Għar-rigward ta' dan ix-xogħol li sar Birkirkara l-Perit Edward Bencini li kien ġie nkarigat mis-sid tal-post, xehed li l-konvenut Joseph Person f'ħin minnhom kien semmielu li f'xi *items* kien ser imur minn taħt. Dan jidher li qed jikkonferma dak li sostnew l-atturi u ċjoè li l-konvenuti *nomine* għar-rigward tax-xogħol li sar f'Birkirkara kienu ħadu żball għar-rigward ta' xi prezzijiet. Dan l-iżball jista' jkun li huwa rifless fis-somma ulterjuri ta' ċirka Lm600 li l-konvenut Joe Pearson jammetti li kienu qed jirreklamaw l-atturi għar-rigward ta' dan ix-xogħol ta' Birkirkara;

Jirriżulta għalhekk suffiċjentement ippruvat illi l-

konvenuti *nomine* għandhom jiġu ritenuti debituri ta' l-atturi fis-somma komplessiva ta' Lm3,526, kwantu għal Lm1,370 għax-xogħol li sar il-Mosta, kwantu għal Lm1,500 għax-xogħol li sar f'Ħaż Żebbuġ u kwantu għal Lm657 bilanċ ta' somma akbar għar-rigward tax-xogħol li sar Birkirkara. Del resto l-konvenuti stess irrikonoxxew li x-xogħol li sar mill-atturi fil-Mosta u f'Ħaż Żebbuġ komplessivament kien jiswa l-fuq minn Lm2,500 u għarfu ukoll li l-atturi għar-rigward tax-xogħol li sar Birkirkara kienu qed jirreklamaw l-ammont ta' ċirka Lm600;

Fid-dawl ta' dan kollu, it-talbiet ta' l-atturi għandhom jiġu ritenuti ġustifikati u għalhekk għandhom jiġu akkolti;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi fl-ewwel lok tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti *nomine* u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef, ħames mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija (Lm3,527.00,0), rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar dovut għal xogħlijiet ta' bini li l-atturi ħadmu fuq inkariku tal-konvenuti *nomine* in sub-appalt. Bl-imgħaxijiet skond il-liġi sad-data ta' l-eventwali pagament;

Spejjeż kollha kontra l-konvenuti *nomine*";

L-aggravju tas-soċjetà konvenuta hu fis-sens illi l-Ewwel Qorti ma kienx messha skartat il-provi prodotti minnha kkorroborati ukoll minn dokumenti esebiti u minflok akkoljiet il-versjoni ta' l-atturi li ma kienet bl-ebda mod sostnuta b'dokumentazzjoni jew imqar b'xi għamla ta' korroborazzjoni. Hu allura appell li jikkontesta l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti u li jistieden lil din il-Qorti ta' reviżjoni biex tasal għal konvinzjoni differenti fuq il-fatti kif jirriżultaw

*ippruvati avolja huwa aċċettat* li kienet l-Ewwel Qorti li kellha tagħmel dan l-apprezzament ta' fatt li ma kellux jiġi ddisturbat mill-Qorti ta' reviżjoni jekk mhux għal raġuni serja meta jkun jidher li altrimenti tkun ser issir inġustizzja manifesta. Hu veru li dan il-prinċipju hu bbażat fuq il-premessa illi l-Ewwel Qorti jkollha l-opportunità li tisma' *viva voce* x-xhieda u li tevalwa d-deposizzjoni tagħhom fid-dawl tal-komportament tagħhom meta ddeponew;

Dan hu aktar importanti f'dawk il-każijiet fejn, kif inhu dan il-każ, ħafna mill-meritu jiddependi mill-kredibbilità u l-attendibbilità ta' xhieda li jiġu prodotti biex jipprovaw jekk kinux jew le saru pagament akkont ta' xogħlijiet esegwiti mill-attur u li dwarhom *ex admissis* ma kinux ġew *irrilaxxjati* riċevuti. Hu minnu ukoll illi fil-każ taħt eżami l-Ewwel Qorti, kif ippresjeduta, ma kellhiex l-opportunità hi li tisma' x-xhieda jiddeporru quddiemha għaliex ħadet konjizzjoni tal-proċess wara *illi l-provi kienu fil-fatt inġabru quddiem Imħallef ieħor*. L-apprezzament tagħha tal-fatti ppruvati hu allura bbażat fuq eżami tal-proċess u s-sottomissjonijiet tal-kontendenti. B'danakollu xorta jibqa' applikabbli l-prinċipju illli din il-Qorti *ma għandhiex*, safejn konsentit b'ġustizzja, tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak ta' l-Ewwel Qorti fuq materja li kienet prettament ta' apprezzament ta' fatti sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi li ċertament u kjarament kienu nduċew lil dik il-Qorti għal deċiżjoni żbaljata. Hu biss f'każijiet bħal dawn li din il-Qorti ta' reviżjoni jeħtiġilha li tintervjeni u f'dan il-ġurisprudenza hi assodata u kostanti;

Naturalment din il-Qorti għandha tieħu ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-Ewwel Qorti ma kellhiex f'dan il-każ l-opportunità li tisma' x-xhieda *viva voce* u allura dak li hemm irreġistrat bħala li hi d-deposizzjoni tagħhom ma jistax jiġi mifli fid-dawl tal-komportament tagħhom meta xehdu. Il-materja tal-*kredibilità u l-attendibilità tagħhom trid neċessarjament toħroġ*

*mill-kontenut tax-xhieda kif reġistrata u kemm din kienet* konsistenti mal-provi l-oħra prodotti mill-kontedenti. Essenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni bil-prinċipju illi min jallega jrid jipprova. Il-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Fil-każ taħt eżami il-qofol tal-meritu hu l-eċċezzjoni tal*-konvenuti *nomine* illi huma ħallsu dak kollu li kien minnhom dovut. Jeċċepixxu allura l-pagament u kien jispetta lilhom li jippruvaw dan b'mod konvinċenti u konklussiv;

Dan hu t-tieni aggravju ta' l-appellanti *nomine*. Huma jikkontestaw il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti li l-prova ta' dawn il-ħlasijiet ma ġietx sodisfaċentement ippruvata. Huma *jsostnu illi jekk huma fdaw lill*-atturi meta ma talbuhomx riċevuta tal-ħlasijiet li kienu qegħdin jagħmlu, l-istess ħaġa għamlu l-appellati nfushom meta, skond ma jallegaw huma ma nsistewx li jsir bil-miktub il-ftehim tar-rati applikabbli tas-sub-appalti minnhom imwettqa. Argument li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jsegwix. Dan għaliex f'materja ta' pagament hi essenzjali l-prova li dan ikun sar u li, għalkemm il-prova ta' l-irċevuta tista' titqies li tkun l-aħjar prova u l-aktar waħda li tassigura lid-debitur li jkun ħallas kontra l-pretensjonijiet inġustifikati tal-kreditur, mhux eskluż li tali prova ssir mod ieħor. F'din l-eventwalità però d-debitur ikun qiegħed jieħu riskju għaliex jekk kontra l-kitba l-liġi ma tippermetti l-ebda argument mhux l-istess jista' jingħad għall-provi orali;

Effettivament, fil-każ taħt eżami, mhux biss hemm iċ-*ċaħda kategorika da parti ta' l-atturi li huma qatt ma rċevew* pagamenti ta' flus kontanti imma ukoll il-provi mressqa dwar dawn il-pagamenti da parti ta' l-appellant hi limitata tista' tgħid għax-xhieda li huma t-tnejn taw permezz ta' *affidavit*, identiċi kelma b'kelma. *Apparti li din il-Qorti ma għandhiex wisq* simpatija għall-*affidavits* li ma jkunux jidhru spontanji, fejn il-fatti jkunu esposti b'mod pjuttost kosmetiku, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-fatt illi x-xhieda prodotti mill-appellanti

għall-prova tal-pagament, fil-verità, ma joffru l-ebda element korroborattiv li tali pagament fil-fatt seħħ. Jirriżulta ukoll, mill-atti, illi persuni li l-istess appellanti ndikaw bħala li jistgħu jitfgħu dawl fuq dawn l-allegati pagamenti ma ġewx prodotti *minnhom bħala xhieda. Fl-aħjar ipotesi għall-appellanti nomine* allura l-provi fir-rigward ta' dawn l-allegati pagamenti huma limitati għall-versjoni mogħtija minnhom stess kontestata kategorikament mill-konvenuti u l-ebda waħda minn dawn il-versjonijiet ma tirriżulta adegwatament korroborata. F'sitwazzjoni ta' dubbju il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix illi l-konvenuti *nomine* appellanti li qegħdin jallegaw il-pagament ma rnexxilhomx jippruvawh. L-ewwel aggravju ta' l-appellanti *nomine* jirrigwarda r-rati li bihom kellu jsir ix-xogħol fl-appalt mogħti lill-atturi. Appalt li kien limitata għat-tliet inkarigi speċifiċi kif jidher fis-sentenza appellata. It-teżi ta' l-appellanti hi illi huma taw is-sub-appalt lill-atturi wara li s-soċjetà minnhom rappreżentata kienet ingħata inkarigu ta' appalt minn tliet sidien diversi, liema inkarigi kienu dejjem redatti bi ftehim preċiż mhux biss rigwardanti n-natura tax-xogħol assenjat imma ukoll sa lanqas dettalji relattivi għar-rati applikabbli. Allura jsostnu illi meta l-appellati ġew sub-appaltati għax-xogħlijiet ta' konkos huma kienu diġà kkonkludew il-ftehim ta' appalt mas-*sidien u mhux presumibbli illi l-ftehim tas-sub-appalt ma' l-*atturi ikun sar b'rati għola minn dawk pattwiti mas-sidien li kienu nkarigaw l-appalt;

Issa, dan l-aggravju ċertament ma jistax ikollu relevanza mil-lat strettament ġuridiku fir-rigward tal-kuntratt bejn il-kontendenti u dan għaliex hu ovvju illi r-relazzjonijiet bejn is-soċjetà appellanti u s-sidien li tawhom l-appalt fl-ewwel lok kienu għall-appellati reż *inter alios acta*. Ir-relevanza ta' dawn il-kuntratti allura tista' biss tkun bħala element ta' prova fuq bażi ta' probabilità fis-sens illi l-appellanti qed issotnu illi mhux presumibbli illi min ikkontratta appalt b'ċerti rati, issubbappalta l-istess b'rati għola għaliex dan ikun ifisser telf. Prova, din li

waħedha *ma tistax tkun* konklussiva għaliex hu ovvju illi jistgħu jeżistu ċirkostanzi fejn ikun fl-interess ta' l-appaltatur li jissubappalta bi prezzijiet marġinalment għola u allura jsofri telf fuq dik il-parti ta' l-appalt oriġinali li jkun issubappalta għaliex b'hekk *ikun, per eżempju, ser jispiċċa l-appalt lilu mogħti fil*-ħin u jevita l-ħlas ta' penali jew jassigura appalt ulterjuri. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu ħafna u f'sitwazzjoni fejn ikun hemm abbundanza ta' xogħol kif jidher li kien il-każ għas-soċjetà appellanti fiż-żmien in kwistjoni hi prattika li spiss tiġi segwita mill-kuntrattur. Fuq l-istess binarji hi biss marġinalment relevanti l-prova illi ma' sub-appaltatur ieħor u ċjoè ma' ċertu Agius, is-soċjetà *konvenuta dejjem imxiet bi ftehim bil-kitba li* fiha jkun speċifikati r-rati tax-xogħol. Jekk xejn din il-prova timmilita kontra s-soċjetà konvenuta appellanti għaliex din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex din il-prattika ma kellhiex ukoll tiġi segwita fil-każ ta' l-atturi appellati. Hu x'inhu hemm qbil illi fir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti l-ftehim kien wieħed verbali;

Il-Qorti tagħti piż lid-disposizzjoni tal-perit Edward Bencini li kien il-perit inkarigat mix-xogħlijiet taħt eżami. Minn *din id-disposizzjoni* joħroġ ċar illi d-disgwid bejn il-kontendenti fuq id-differenza bejn ir-rati miftehma bejn l-appaltanti oriġinali u s-soċjetà appellanti u dawk allegatament għola miftehma bejn is-soċjetà appellanti u l-appellati kienet inqalgħet *appena l-istess perit kien għamel il-kont skond il-kejl miftiehem* ma' l-appaltant oriġinali. Hu jixhed:

"Qiegħed *taħt impressjoni li meta kien tqajjem* dan il-każ, jiena lil Pearson kont għidtlu l-attenzjoni li jekk hu għandu xi arranġament ma' ħaddieħor differenti minn dak li kien hemm fil-ftehim li għandu hu, dik Mr. Mercieca (l-appaltant oriġinali) żgur li ma kienx jidħol fiha. F'dan is-sens nimmaġina *li* kont għamiltlu xi rimarka";

*L-istess perit għad-domanda jekk kienx jiftakar li kien hemm ftehim differenti (bejn il-kontendenti) minn dak bejn* Mercieca u Pearson jirrispondi li ma jiftakarx iżda jżid:

"Però kien semmieli (Pearson) li f'xi *items* kien ser imur minn taħt jidhirli";

Issa, dan id-diskors ma jistax, *fil-fehma tal-Qorti, jfisser* xi ħaġa oħra ħlief li dak il-mument il-konvenut Pearson kien qiegħed jirrikonoxxi *li* r-*rati li bihom ftiehem ma'* l-atturi kienu għola minn dawk li bihom kien ftiehem mas-sidien li għalihom kien qiegħed jesegwixxi x-xogħol tramite s-servizzi ta' l-atturi. Hekk biss wieħed seta' jimmaġina illi s-soċjetà attriċi kienet ser *tmur minn taħt u ssofri telf għaliex altrimenti dan ma kienx jiġri* li kieku r-rati kienu ndaqs jew orħos minn dawk oriġinarjament miftehma;

Din il-Qorti tmur oltre u tgħid illi hu sorprendenti kif il-Perit Bencini ħareġ kont għax-xogħlijiet esegwiti *mill-atturi u li* kien jirrappreżenta l-ammont li l-istess atturi kellhom id-dritt għalih *mingħand is-soċjetà appellanti in sodisfazzjon tas-sub-*appalt minnhom esewit, ibbażat fuq ir-rati li kienu ġew *miftehma bejn is-soċjetà appellanti u l-appaltant originali. Dana* meta l-appellanti *nomine* jsostnu illi fil-fatt dawn ir-rati kienu orħos. F'sitwazzjoni ta' d*in* ix-xorta hu naturali u raġonevoli li wieħed jistenna illi l-appellanti *nomine* kienu jinformaw lill-perit *inkarigat mix*-xogħol bir-rati li skond huma kienu ftehmu dwarhom ma' l-atturi biex il-kont ikun fedelment jirrispekkja dak il-ftehim. Il-fatt li dan ma sarx jagħti kredibilità l-versjoni ta' l-atturi u din il-Qorti ma tarax allura r-raġuni *għaliex* għandha tiddisturba l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti anke fir-*rigward ta' dan l-aggravju;*

*Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza*

appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti.